MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Numru. 576/2004

Il-Pulizija
(Spettur J J Borg)
vs
Katerina Refalo

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija, li permezz taghhom hija giet akkuzata talli fil-11 ta’ Jannar, 2003 u / jew matul is-snin / xhur precidenti bhala propretarja, u / jew amministratura tal-fond 18, Triq Anthony Aquilina, Zebbug, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, kiser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe’ tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b’mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom setgha iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq tal-kurrent elettriku li jammonta ghal LM 415.00c,

liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta;

Barra minn dan, akkuzat talli, matul l-istess perjodu kkaguna hsara volontarja fl-istess meter;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tapplika wkoll il-provedimenti li hemm fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputata debitament assistita tirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha, minkejja illi l-Qorti wissietha bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u tatha zmien xieraq sabiex terga tahsibha;

Fuq ammissjoni;

Issibha hatja ta' l-akkuzi kollha u dan wara illi rat l-Artikoli 261 (b), 261 (f), 261 (c), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 280, 281, 17, 20, 283, 18, 31, 325 (1) (d) tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-hatja irregistrat ammissjoni, stqarret mal-pulizija u hallset l-ammont kollu dovut lill-Korporazzjoni EneMalta, ghalhekk tara illi piena karcerarja mhix idonea ghall-akkadut. Ghalhekk wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum.  Il-Qorti tiddikjara li wissietha bl-impatt ta' din is-sentenza skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------